REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) 2022/141

tal-21 ta' Jannar 2022

li jemenda l-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 1333/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-użu tal-karbonati tas-sodju (E 500) u tal-karbonati tal-potassju (E 501) fiċ-ċefalopodi mhux ipproċessati

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 1333/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2008 dwar l-addittivi tal-ikel ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 10(3) tiegħu,

Billi:

(1) L-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 1333/2008 jistabbilixxi lista tal-Unjoni ta' addittivi tal-ikel approvati għall-użu fl-ikel u l-kundizzjonijiet tal-użu tagħhom.

(2) Dik il-lista tista' tiġi aġġornata f'konformità mal-proċedura komuni msemmija fl-Artikolu 3(1) tar-Regolament (KE) Nru 1331/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([2]), b'inizjattiva tal-Kummissjoni jew wara li ssir applikazzjoni minn Stat Membru jew minn xi parti interessata.

(3) F'konformità mal-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 1333/2008, il-karbonati tas-sodju (E 500) u l-karbonati tal-potassju (E 501) huma awtorizzati għall-użu bħala addittivi tal-ikel f'varjetà wiesgħa ta' ikel fil-livelli *quantum satis*. Fost l-oħrajn, huma awtorizzati għall-użu fil-kategorija tal-ikel 9.2. "Ħut u prodotti tal-ħut ipproċessati inkluż molluski u krustaċji".

(4) Fid-9 ta' Settembru 2020, il-Kummissjoni rċeviet applikazzjoni għall-awtorizzazzjoni tal-użu tal-karbonati tas-sodju (E 500) u tal-karbonati tal-potassju (E 501) fiċ-ċefalopodi mhux ipproċessati.

(5) Il-karbonati għandhom effett simili bħall-aċidu fosforiku — fosfati — di-, tri- u polifosfati (E 338-452), li bħalissa huma awtorizzati għall-molluski u l-krustaċji ffriżati u ffriżati f'temperatura baxxa ħafna, fir-rigward tad-dehra taċ-ċefalopodi. Il-proċess tal-manifattura taċ-ċefalopodi jinvolvi trattament ta' immersjoni f'banjijiet li jkun fihom dissoluzzjoni ta' melħ, ċitrati u karbonati f'konċentrazzjoni massima ta' 3% biex tiġi regolata l-aċidità tal-banju għal jumejn jew tlieta. Ir-riżultat huwa l-idratazzjoni, bidla fil-konsistenza u s-sawra tal-prodott, u ż-żamma tal-kulur. Wara l-fwar, iċ-ċefalopodi ttrattati bil-karbonati u ċ-ċitrati jkollhom proprjetajiet organolettiċi aħjar, fosthom laħam aktar artab, togħma aħjar u kulur aktar ċar miċ-ċefalopodi trattati biċ-ċitrati biss Mill-evalwazzjoni sensorjali mwettqa mill-applikant jirriżulta li l-użu propost tal-karbonati tas-sodju (E 500) u l-karbonati tal-potassju (E 501) bħala regolaturi tal-aċidità minflok il-fosfati, itejjeb il-proprjetajiet organolettiċi taċ-ċefalopodi u l-perċezzjoni tal-konsumatur dwaru.

(6) Skont l-Artikolu 3(2) tar-Regolament (KE) Nru 1331/2008, il-Kummissjoni trid titlob l-opinjoni tal-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel ("l-Awtorità") biex taġġorna l-lista tal-Unjoni tal-addittivi tal-ikel stabbilita fl-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 1333/2008, għajr meta l-aġġornament inkwistjoni aktarx ma jkunx iħalli effett fuq is-saħħa tal-bniedem.

(7) Is-sikurezza tal-karbonat tas-sodju (E 500) u tal-karbonat tal-potassju ġiet evalwata fl-1990 mill-Kumitat Xjentifiku għall-Ikel, li stabbilixxa l-konsum Aċċettabbli ta' kuljum (ADI) bħala "mhux speċifikat" ([3]). It-terminu "mhux speċifikat" ifisser li, abbażi tad-*data* tossikoloġika, bijokimika u klinika disponibbli, id-doża aċċettabbli ta' kuljum tas-sustanza, li tittieħed mill-preżenza naturali tagħha fl-ikel u mill-użu jew l-użi attwali tagħha fl-ikel fil-livelli

([1]) ĠU L 354, 31.12.2008, p. 16.

([2]) Ir-Regolament (KE) Nru 1331/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2008 li jistabbilixxi proċedura ta' awtorizzazzjoni komuni għall-addittivi tal-ikel, l-enżimi tal-ikel u l-aromatizzanti tal-ikel (ĠU L 354, 31.12.2008, p. 1).

([3]) Reports of the Scientific Committee for Food, Twenty-fifth series, 1991, p. 13 (https://ec.europa.eu/food/system/files/2020-12/sci-com_scf_reports_25.pdf).

meħtieġa biex jinkiseb l-effett teknoloġiku mixtieq, mhix periklu għas-saħħa. Fid-dawl ta' dak, u fid-dawl tan-nuqqas ta' prijoritajiet speċifiċi għall-evalwazzjoni mill-ġdid tal-karbonati tas-sodju (E 500) u tal-karbonati tal-potassju (E 501) skont il-programm għall-evalwazzjoni mill-ġdid tal-addittivi tal-ikel stabbilit fir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 257/2010 ([4]), il-Kummissjoni jidhrilha li l-awtorizzazzjoni tal-użu tal-karbonati tas-sodju (E 500) u tal-karbonati tal-potassju (E 501) bħala regolaturi tal-aċidità fuq iċ-ċefalopodi mhux ipproċessati tikkostitwixxi aġġornament ta' dik il-lista li mhix mistenni jħalli effett fuq is-saħħa tal-bniedem u għalhekk ma hemmx bżonn tintalab l-opinjoni tal-Awtorità.

(8) Għaldaqstant, jixraq li jiġi awtorizzat l-użu tal-karbonati tas-sodju (E 500) u tal-karbonati tal-potassju (E 501) bħala regolaturi tal-aċidità fil-kategoriji tal-ikel "09.1.2 "Molluski u krustaċji mhux ipproċessati"" fl-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 1333/2008 fil-livell *quantum satis* għaċ-ċefalopodi. Għar-raġunijiet tar-restrizzjoni tal-użu tal-fosfati għall-molluski u l-krustaċji ffriżati u ffriżati f'temperatura baxxa ħafna, l-użu tal-karbonati tas-sodju (E 500) u tal-karbonati tal-potassju (E 501) bħala alternattivi għall-fosfati fiċ-ċefalopodi mhux ipproċessati jenħtieġ li jkun ristrett għaċ-ċefalopodi ffriżati u ffriżati f'temperatura baxxa ħafna mhux ittrattati bl-aċidu fosforiku — fosfati — di-, tri- u polifosfati (E 338-452).

(9) Jenħtieġ li l-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 1333/2008 jiġi emendat skont dan.

(10) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma konformi mal-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Annimali, l-Ikel u l-Għalf,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 1333/2008 huwa emendat f'konformità mal-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, il-21 ta' Jannar 2022.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN

([4]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 257/2010 tal-25 ta' Marzu 2010 li jistabbilixxi programm għar-rivalutazzjoni tal-addittivi tal-ikel approvati skont ir-Regolament (KE) Nru 1333/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-addittivi tal-ikel (ĠU L 80, 26.3.2010, p. 19).

ANNESS

Il-Parti E tal-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 1333/2008 hija emendata kif ġej:

(i) fil-kategorija tal-ikel 09.1.2 "Molluski u krustaċji mhux ipproċessati" jiddaħħlu l-entrati li ġejjin wara l-entrata għal E 385, Etilendiamminatetraaċetat tal-kalċju disodiku (EDTA tal-kalċju disodiku):

"E 500	Karbonati tas-sodju	*quantum satis*	(95)	ċefalopodi ffriżati u ffriżati f'temperatura baxxa ħafna biss
E 501	Karbonati tal-potassju	*quantum satis*	(95)	ċefalopodi ffriżati u ffriżati f'temperatura baxxa ħafna biss"

(ii) wara n-nota (90) ta' qiegħ il-paġna tiżdied din in-nota (95) ta' qiegħ il-paġna li ġejja:

"(95): ma tistax tintuża flimkien mal-Aċidu fosforiku — fosfati — di-, tri-, u polifosfati (E 338-452)"